# Ġuzeppi ta' Kupertinu



Ġuzeppi kien minn Kupertinu, ġewwa Napli l-Italja. Meta kienu għadu tifel xejn ma kellu moħħu tajjeb għall-iskola. Ommu kienet tgħajru. Kienet tgħidlu li ma kien jiswa għal xejn. Ta' tifel li kien, Ġuzeppi kien jemmen li ommu kellha raġun u qatt m'emmen fih innifsu. Ħafna drabi, kull ħaġa li kien jagħmel kien jagħmilha ħazin u ma seta' jsib xejn tajjeb fih innifsu. Ġużeppi kien ċert li twieled bla talenti. Minħabba li kien nervuż, ħbieb ma kellux u kulħadd kien iwarrbu.

Meta kiber Ġużeppi pprova jitħarreġ fis-sengħa li jagħmel iż-żraben iżda ma rnexxilux. Tħajjar jidħol saċerdot imma m'aċċetawhx. U bir-raġun! Għax Ġużeppi donnu veru ma kien tajjeb għal xejn, lanqas biex jaħsel erba' platti għax jgħid li kien ikisser xi wieħed! Aktar minn hekk, kien ibati biex jaqra u jikteb. Imma l-aktar ħaġa li kienet tkiddu kienet li kien jinsa ħafna. Kull meta kienu jqabbduh jagħmel xi ħaġa, il-povru Ġużeppi kien jinsieha ħames minuti wara!

Fl-aħħar. ordni ta' patrijiet aċċettatu fil-kunvent tagħha b'xogħol iebes maż-żwiemel. Kien hawnhekk li Ġużeppi ddeċieda li jinbidel. Ried jibda jemmen fih innifsu minkejja li għal ħafna nies, Ġużeppi ma kien tajjeb għal xejn. Kellu ħolma waħda - li jsir saċerdot. Kien jaf li kienet iebsa ħafna għax biex tilħaq saċerdot, kien meħtieġ jgħaddi mill-eżamijiet. Talab ħafna u għamel ħafna sagrifiċċji. Fl-aħħar, bi tbatija kbira, tkaxkar mill-eżami u l-ħolma ta' ħajtu twettqet.




Minħabba li Ġużeppi ma kienx imkabbar u tassew kien jagħmel ħiltu kollha biex jirnexxi, Alla wettaq ħwejjeġ kbar miegħu. Meta sar saċerdot, in-nies kienet tfittxu għall-pariri u Ġużeppi, lil dawk il-persuni li kienu jersqu għandu, kien jagħmlilhom ħafna kuraġġ. Hu kien jaf xi tfisser meta ħadd ma jemmen fik u kliemu dejjem kien ikun: "Taqtax qalbek. Alla għandu pjan għal kulħadd".

Minħabba li Ġużeppi għex ħajja qaddisa bħala saċerdot, sar qaddis. Illum Ġużeppi ta' Kupertinu huwa l-qaddis Padrun tal-istudenti kollha.

## Iddiskuti.

1. Qatt ħassejtek bħal Ġużeppi, tipprova kemm tipprova qatt ma jirnexxilek?
2. Ġużeppi kien isibha diffiċli ħafna jistudja għax kien jinsa. Int kif tistudja? X'parir tagħti lil xi ħadd bħal Ġużeppi?
3. Ġużeppi dejjem kien joħlom li xi darba jsir saċerdot. Int għandek xi ħolma? X'qed tagħmel biex il-ħolma tiegħek isseħħ?
4. Ġużeppi sab ħafna nies ma jemmnux fih: la ommu, la sħabu u lanqas min iħaddmu. Fiex kien isib il-forza tiegħu?
5. X'kien jgħidilhom lin-nies meta kienu jiġu għandu għall-pariri?

*Din l-attività tista' tiġi amalgamata mal-Malti bħala Taħriġ il-Fehem.*